REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/631

tat-13 ta' April 2022

li jemenda l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/637 fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-iskoperturi għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fuq pożizzjonijiet mhux miżmuma fil-portafoll tan-negozjar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 434a tiegħu,

Billi:

(1) F'Diċembru 2019, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) irrieżamina l-qafas tal-Pilastru 3 tiegħu, inklużi r-rekwiżiti ta' divulgazzjoni dwar ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fil-portafoll bankarju (IRRBB) ([2]). F'konformità mal-iżvilupp tal-istandards internazzjonali miftiehma mill-BCBS, ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-IRRBB, applikabbli minn Ġunju 2021, ġew introdotti fl-Artikolu 448 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(2) Jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 ([4]) jinkorpora wkoll l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni l-ġodda dwar id-divulgazzjonijiet pubbliċi tal-informazzjoni tal-IRRBB stabbiliti fl-Artikolu 448 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jiddivulgaw informazzjoni komprensiva u komparabbli dwar l-IRRBB, jenħtieġ li tiġi stabbilita tabella li jkun fiha informazzjoni kwalitattiva dwar ir-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar u mudell li jkun fih informazzjoni kwantitattiva dwar ir-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar.

(4) Sabiex l-istituzzjonijiet jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-iżvelar tal-informazzjoni skont dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu biss, fid-divulgazzjoni tagħhom għall-ewwel darba, l-informazzjoni għall-perjodu attwali.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/637 jiġi emendat skont dan.

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(7) L-Awtorità Bankarja Ewropea wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) "Rekwiżiti ta' divulgazzjoni: DIS70: Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fil-portafoll bankarju". Verżjoni effettiva mill-15 ta' Diċembru 2019. https://www.bis.org/basel_framework/chapter/DIS/70.htm.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012, (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 tal-15 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjonijiet pubbliċi mill-istituzzjonijiet tal-informazzjoni msemmija fit-Titoli II u III tal-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1423/2013, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1555, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2295 (ĠU L 136, 21.4.2021, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/637

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/637 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu 16a li ġej:

"*Artikolu 16a*

Divulgazzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tar-rata tal-imgħax fuq pożizzjonijiet mhux miżmuma fil-portafoll tan-negozjar

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 448(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU IRRBB1 stabbilit fl-Anness XXXVII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness XXXVIII ta' dan ir-Regolament.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 448(1), il-punti (c) sa (g), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU IRRBBA stabbilita fl-Anness XXXVII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness XXXVIII ta' dan ir-Regolament.

3. Meta l-istituzzjonijiet jiddivulgaw informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 jew 2 għall-ewwel darba, id-divulgazzjoni ta' dik l-informazzjoni relatata mad-data ta' referenza preċedenti ma għandhiex tkun meħtieġa.";

(2) L-Anness XXXVII, kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud;

(3) L-Anness XXXVIII, kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, huwa miżjud.

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS XXXVII

Tabella EU IRRBBA - Informazzjoni kwalitattiva dwar ir-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva - Format liberu		Bażi ġuridika
(a)	Deskrizzjoni ta' kif l-istituzzjoni tiddefinixxi l-IRRBB għall-finijiet tal-kontroll u l-kejl tar-riskju		Artikolu 448(1), il-punt (e)
(b)	Deskrizzjoni tal-istrateġiji kumplessivi ta' ġestjoni u mitigazzjoni tal-IRRBB tal-istituzzjoni		Artikolu 448(1), il-punt (f)
(c)	Il-perjodiċità tal-kalkolu tal-kejl tal-IRRBB tal-istituzzjoni, u deskrizzjoni tal-miżuri speċifiċi li l-istituzzjoni tuża biex tkejjel is-sensittività tagħha għall-IRRBB		Artikolu 448(1), il-punt (e) (i) u (v); Artikolu 448(2)
(d)	Deskrizzjoni tax-xokk fir-rata tal-imgħax u x-xenarji ta' stress li l-istituzzjoni tuża biex tistma l-bidliet fil-valur ekonomiku u fl-introjtu nett mill-imgħax (jekk applikabbli)		Artikolu 448(1), punt (e) (iii); Artikolu 448(2)
(e)	Deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet ta' mmudellar u parametriċi ewlenin differenti minn dawk użati għad-divulgazzjoni tal-Mudell EU IRRBB1 (jekk applikabbli)		Artikolu 448(1), punt (e) (ii); Artikolu 448(2)
(f)	Deskrizzjoni ta' livell għoli ta' kif l-Istituzzjoni tiħħeġġja l-IRRBB tagħha, kif ukoll trattament kontabilistiku (jekk applikabbli)		Artikolu 448(1), punt (e) (iv); Artikolu 448(2)
(g)	Deskrizzjoni tal-mudelli ewlenin u s-suppożizzjonijiet parametriċi użati għall-miżuri tal-IRRBB fil-Mudell EU IRRBB1 (jekk applikabbli)		Artikolu 448(1), punt (c); Artikolu 448(2)
(h)	Spjegazzjoni tas-sinifikat tal-miżuri tal-IRRBB u tal-varjazzjonijiet sinifikanti tagħhom minn divulgazzjonijiet preċedenti		Artikolu 448(1), punt (d)
(i)	Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-miżuri tal-IRRBB divulgata fil-Mudell EU IRRBB1 (fakultattiva)		
(1) (2)	Divulgazzjoni tal-medja u l-itwal maturità tal-ipprezzar mill-ġdid assenjata għal depożiti mhux ta' maturità		Artikolu 448(1), il-punt (g)

Mudell EU IRRBB1 - Riskji tar-rata tal-imgħax ta' attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar

Xenarji ta' xokk superviżorji		a	b	c	d
		Bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità		Bidliet fl-introjtu nett mill-imgħax	
		Perjodu kurrenti	L-aħħar perjodu	Perjodu kurrenti	L-aħħar perjodu
1	Parallel 'il fuq				
2	Parallel 'l isfel				
3	Żieda fl-inklinazzjoni tal-kurva				
4	Iċċattjar tal-kurva				
5	Rati qosra 'l fuq				
6	Rati qosra 'l isfel"				

ANNESS II

"ANNESS XXXVIII

Struzzjonijiet għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax fuq pożizzjonijiet mhux miżmuma fil-formoli ta' divulgazzjoni tal-portafoll tan-negozjar

Struzzjonijiet ta' divulgazzjoni għall-Mudell EU IRRBBA

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni kwalitattiva speċifikata hawn taħt fuq il-bażi tal-metodoloġija tas-sistema tal-kejl tar-riskju interna tagħhom, il-metodoloġija standardizzata jew il-metodoloġija standardizzata simplifikata, meta applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 84 tad-Direttiva 2013/36/UE.

Dawn l-istruzzjonijiet ġew żviluppati abbażi tar-rekwiżiti fl-Artikolu 448 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u f'konformità mal-istandard ta' divulgazzjoni tal-Pilastru 3 ta' Basel.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	**Deskrizzjoni ta' kif l-istituzzjoni tiddefinixxi l-IRRBB għall-finijiet tal-kontroll u l-kejl tar-riskju** F'konformità mal-Artikolu 448(1), il-punt (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni ġenerali ta' kif ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom għall-finijiet tar-rieżami tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 84 tad-Direttiva 2013/36/UE huwa definit, imkejjel, mitigat u kkontrollat.
(b)	**Deskrizzjoni tal-istrateġiji kumplessivi ta' ġestjoni u mitigazzjoni tal-IRRBB tal-istituzzjoni** F'konformità mal-Artikolu 448(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni ġenerali tal-istrateġiji kumplessivi ta' ġestjoni u mitigazzjoni tal-IRRBB, inkluż: il-monitoraġġ tal-valur ekonomiku tal-introjtu mill-ekwità u mill-imgħax nett fir-rigward tal-limiti stabbiliti, il-prattiki tal-iħħeġġjar, it-twettiq tal-ittestjar tal-istress, l-analiżi tal-eżitu, ir-rwol tal-awditjar indipendenti, ir-rwol u l-prattiki tal-kumitat tal-ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet, il-prattiki tal-istituzzjoni biex tiġi żgurata validazzjoni xierqa tal-mudell, u aġġornamenti f'waqthom tal-mudell b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.
(c)	**Il-perjodiċità tal-kalkolu tal-kejl tal-IRRBB tal-istituzzjoni, u deskrizzjoni tal-miżuri speċifiċi li l-istituzzjoni tuża biex tkejjel is-sensittività tagħha għall-IRRBB** F'konformità mal-Artikolu 448(1), il-punti (e)(i) u (v), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri tar-riskju speċifiku li jintużaw biex jiġu stmati l-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità tagħhom u fl-introjtu mill-imgħax nett tagħhom u jindikaw il-perjodiċità tal-evalwazzjoni tar-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. F'konformità mal-Artikolu 448(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-deskrizzjoni tal-miżuri tar-riskju speċifiku użati biex titkejjel is-sensittività għall-IRRBB ma għandhomx japplikaw għall-istituzzjonijiet li jużaw il-metodoloġija standardizzata jew il-metodoloġija standardizzata simplifikata msemmija fl-Artikolu 84(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.
(d)	**Deskrizzjoni tax-xokk fir-rata tal-imgħax u x-xenarji ta' stress li l-istituzzjoni tuża biex tistma l-bidliet fil-valur ekonomiku u fl-introjtu nett mill-imgħax (jekk applikabbli)** F'konformità mal-Artikolu 448(1), il-punt (e)(iii), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni ġenerali tax-xenarji ta' xokk fir-rata tal-imgħax użati biex jiġi stmat ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax. Skont l-Artikolu 448(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni ma għandhomx japplikaw għall-istituzzjonijiet li jużaw il-metodoloġija standardizzata jew il-metodoloġija standardizzata simplifikata msemmija fl-Artikolu 84(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.
(e)	**Deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet ta' mmudellar u parametriċi ewlenin differenti minn dawk użati għad-divulgazzjoni tal-Mudell EU IRRBB1 (jekk applikabbli)** F'konformità mal-Artikolu 448(1), il-punt (e)(ii), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn is-suppożizzjonijiet ewlenin ta' mmudellar u parametriċi użati fis-sistemi ta' kejl interni tal-istituzzjoni jvarjaw minn dawk imsemmija fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE użati għad-divulgazzjoni tal-mudell EU IRRBB1, l-istituzzjoni għandha tipprovdi deskrizzjoni ġenerali ta' dawk is-suppożizzjonijiet, inkluż ir-raġunament għal dawk id-differenzi (eż. data storika, riċerka ppubblikata, ġudizzju u analiżi tal-maniġment, eċċ.).

	Skont l-Artikolu 448(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni ma għandhomx japplikaw għall-istituzzjonijiet li jużaw il-metodoloġija standardizzata jew il-metodoloġija standardizzata simplifikata msemmija fl-Artikolu 84(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.
(f)	**Deskrizzjoni ta' livell għoli ta' kif l-istituzzjoni tiħħeġġja l-IRRBB tagħha, kif ukoll trattament kontabilistiku (jekk applikabbli)** B'mod speċifiku, skont il-punt (e)(iv) tal-Artikolu 448(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw l-effett tal-ħeġġijiet kontra r-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tagħhom, inklużi ħeġġijiet interni li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 106(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Skont l-Artikolu 448(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni ma għandhomx japplikaw għall-istituzzjonijiet li jużaw il-metodoloġija standardizzata jew il-metodoloġija standardizzata simplifikata msemmija fl-Artikolu 84(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.
(g)	**Deskrizzjoni tal-mudelli ewlenin u s-suppożizzjonijiet parametriċi użati għall-miżuri tal-IRRBB fil-Mudell EU IRRBB1 (jekk applikabbli)** F'konformità mal-Artikolu 448(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni ġenerali tas-suppożizzjonijiet ta' mmudellar u parametriċi ewlenin, għajr dawk imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE użati għall-fini tal-kalkolu tal-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità u fl-introjtu mill-imgħax nett fil-Mudell EU IRRBB1. Din id-deskrizzjoni ġenerali għandha tinkludi mill-inqas: (a) kif ġiet iddeterminata l-maturità medja tal-ipprezzar mill-ġdid tad-depożiti mingħajr maturità, inkluż kwalunkwe karatteristika unika tal-prodott li taffettwa d-data preżunta tal-ipprezzar mill-ġdid tal-imġiba; (b) il-metodoloġija użata biex jiġu stmati r-rati ta' prepagament tas-self, u/jew ir-rati ta' prelevament bikri għal depożiti b'terminu fiss, u suppożizzjonijiet sinifikanti oħra; (c) kwalunkwe suppożizzjoni oħra, inkluż għal strumenti b'opzjonalitajiet tal-imġiba, li għandhom impatt materjali fuq il-miżuri tal-IRRBB divulgati fil-mudell EU IRRBB1, inkluża spjegazzjoni ta' għaliex dawn huma materjali. Skont l-Artikolu 448(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni ma għandhomx japplikaw għall-istituzzjonijiet li jużaw il-metodoloġija standardizzata jew il-metodoloġija standardizzata simplifikata msemmija fl-Artikolu 84(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.
(h)	**Spjegazzjoni tas-sinifikat tal-miżuri tal-IRRBB u tal-varjazzjonijiet sinifikanti tagħhom minn divulgazzjonijiet preċedenti** F'konformità mal-Artikolu 448(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu spjegazzjoni ġenerali tas-sinifikat tal-miżuri tal-IRRBB divulgati fil-Mudell EU IRRBB1 u ta' kwalunkwe varjazzjoni sinifikanti ta' dawk il-miżuri tal-IRRBB mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni preċedenti.
(i)	**Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-miżuri tal-IRRBB divulgata fil-Mudell EU IRRBB1 (fakultattiva)** Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li l-istituzzjonijiet jixtiequ jiddivulgaw rigward il-miżuri tal-IRRBB inklużi fil-Mudell EU IRRBB1. . Sakemm ikunu applikabbli l-kriterji tal-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 84(6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-elementi ulterjuri elenkati fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-parametri użati għax-xenarji ta' xokk superviżorju, id-definizzjoni ta' introjtu mill-imgħax nett li qed jużaw u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra biex jifhmu kif il-bidliet tal-introjtu mill-imgħax nett ġew ikkalkulati fil-Mudell EU IRRBB1.
(1), (2)	**Divulgazzjoni tal-medja u l-itwal maturità tal-ipprezzar mill-ġdid assenjata għal depożiti mhux ta' maturità** F'konformità mal-Artikolu 448(1), il-punt (g), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-maturità medja u itwal tal-ipprezzar mill-ġdid assenjata għal depożiti mhux ta' maturità minn kontropartijiet fil-livell tal-konsumatur u bl-ingrossa mhux finanzjarji. Id-divulgazzjoni għandha tirreferi b'mod separat kemm għall-parti ewlenija kif ukoll għall-ammont sħiħ ta' depożiti mingħajr maturità minn kontropartijiet fil-livell tal-konsumatur u mhux finanzjarji bl-ingrossa.

Struzzjonijiet ta' divulgazzjoni għall-Mudell EU IRRBB1

1. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tal-attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar fuq il-bażi tal-metodoloġija tas-sistema ta' kejl interna tagħhom, il-metodoloġija standardizzata jew il-metodoloġija standardizzata simplifikata, meta applikabbli, kif definit f'konformità mal-Artikolu 84 tad-Direttiva 2013/36/UE, minħabba x-xenarji ta' xokk superviżorju u s-suppożizzjonijiet komuni ta' mmudellar u parametriċi definiti fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE.

2. Dawn l-istruzzjonijiet ġew żviluppati abbażi tar-rekwiżiti fl-Artikolu 448 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u f'konformità mal-istandard ta' divulgazzjoni tal-Pilastru 3 ta' Basel.

3. L-istituzzjonijiet mhumiex meħtieġa jipprovdu fl-ewwel divulgazzjoni tagħhom l-informazzjoni għall-perjodu preċedenti.

Struzzjonijiet għall-mili tal-mudell ta' divulgazzjoni EU IRRBB1	
Kolonna	**Spjegazzjoni**
a, b	**Bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità** L-Artikolu 448(1), punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità taħt kull xenarju ta' xokk tar-rata tal-imgħax superviżorju, għall-perjodu attwali u preċedenti, f'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikoli 84 u 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE.
c, d	**Bidliet fl-introjtu nett mill-imgħax** L-Artikolu 448(1), punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-bidliet fl-introjtu mill-imgħax nett taħt iż-żewġ xenarji superviżorji ta' xokk tar-rata tal-imgħax previsti fil-formola għall-perjodu kurrenti u preċedenti, f'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikoli 84 u 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE. Sakemm ikunu applikabbli l-kriterji tal-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 84(6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-elementi ulterjuri elenkati fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu d-definizzjoni u l-karatteristiċi ewlenin (xenarji, suppożizzjonijiet u orizzonti tal-introjtu mill-imgħax nett) tal-introjtu mill-imgħax nett li qed jużaw fil-punt (i) tat-tabella EU IRRBBA jew, jekk iħallu dawk il-kolonni vojta, għandhom jispjegaw ir-raġunijiet fil-punt (i) tat-tabella EU IRRBBA.
Ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Parallel 'il fuq** L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità u l-bidliet fl-introjtu nett mill-imgħax taħt xokk parallel kostanti 'l fuq fil-kurva tar-rendita. Sakemm ikunu applikabbli l-kriterji tal-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 84(6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-elementi ulterjuri elenkati fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-parametri użati għal dan ix-xenarju għandhom jiġu deskritti fil-punt (i) tat-Tabella EU IRRBBA.
2	**Parallel 'l isfel** L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità u l-bidliet fl-introjtu nett mill-imgħax taħt xokk parallel kostanti 'l isfel fil-kurva tar-rendiment. Sakemm ikunu applikabbli l-kriterji tal-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 84(6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-elementi ulterjuri elenkati fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-parametri użati għal dan ix-xenarju għandhom jiġu deskritti fil-punt (i) tat-Tabella EU IRRBBA.
3	**Żieda fl-inklinazzjoni tal-kurva** L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità f'xenarju ta' rati qosra 'l isfel u rati twil' il fuq mill-kurva tar-rendiment. Sakemm ikunu applikabbli l-kriterji tal-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 84(6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-elementi ulterjuri elenkati fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-parametri użati għal dan ix-xenarju għandhom jiġu deskritti fil-punt (i) tat-Tabella EU IRRBBA.

4	**Iċċattjar tal-kurva** L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità f'xenarju ta' rati qosra 'l fuq u rati twal 'l isfel tal-kurva tar-rendiment. Sakemm ikunu applikabbli l-kriterji tal-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 84(6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-elementi ulterjuri elenkati fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-parametri użati għal dan ix-xenarju għandhom jiġu deskritti fil-punt (i) tat-Tabella EU IRRBBA.
5	**Rati qosra 'l fuq** L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità f'xenarju ta' rati qosra 'l fuq mill-kurva tar-rendiment. Sakemm ikunu applikabbli l-kriterji tal-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 84(6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-elementi ulterjuri elenkati fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-parametri użati għal dan ix-xenarju għandhom jiġu deskritti fil-punt (i) tat-Tabella EU IRRBBA.
6	**Rati qosra 'l isfel** L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità f'xenarju ta' rati qosra 'l isfel mill-kurva tar-rendiment. Sakemm ikunu applikabbli l-kriterji tal-linji gwida speċifikati fl-Artikolu 84(6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-elementi ulterjuri elenkati fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE, il-parametri użati għal dan ix-xenarju għandhom jiġu deskritti fil-punt (i) tat-Tabella EU IRRBBA."